

Brussell, 3 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11685/24

AGRI 546
VETER 90

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10999/24 INIT + REV 1

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-WOAH

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-WOAH, approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-4037 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-WOAH

1. Fil-kuntest tal-100 anniversarju tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), il-Presidenza nediet eżerċizzju biex issir riflessjoni dwar il-futur tal-WOAH. L-eżerċizzju sar b'mod parallel mal-ħidma mibdija mill-WOAH biex jiġu esplorati xenarji futuri u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-istrutturi u l-proċessi ta' governanza tagħha.
2. Abbażi tal-kontributi bil-miktub mid-delegazzjonijiet bi tweġiba għal kwestjonarju mill-Presidenza u ta' diskussjonijiet fi tliet laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Annimali u Kwistjonijiet Veterinarji (Uffiċjali Kapijiet Veterinarji), il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill.
3. Wara ċiklu sussegwenti ta' diskussjonijiet, l-abbozz li jinsab fl-Anness ma' din in-nota rċieva l-appoġġ tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Annimali u Kwistjonijiet Veterinarji (Uffiċjali Kapijiet Veterinarji) u ser jikkontribwixxi għall-pożizzjonijiet inizjali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fid-diskussjonijiet li ser isiru dwar il-futur tal-WOAH.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa mistieden:
 - a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota,
 - b) jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

Filwaqt li jfakkar li:

- L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) hija organizzazzjoni intergovernattiva mwaqqfa fl-1924 bħala l-Office International des Epizooties (OIE) b'reazzjoni għar-riskji tal-mard transkonfinali tal-annimali.
- Is-sena 2024 timmarka l-100 sena anniversarju tal-WOAH, li tiċċelebra seklu ta' impenn tagħha fit-titjib tas-saħħa u l-benessri tal-annimali.
- Il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji jirrikonoxxi l-WOAH bħala l-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti responsabbli għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' standards internazzjonali tas-saħħa tal-annimali u jhegħgeġ lill-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex jibbażaw il-miżuri sanitarji tagħhom fuq l-istandards internazzjonali tal-WOAH.¹

Il-missjoni tal-WOAH

1. JENFASIZZA r-rwol ċentrali tal-WOAH fil-ħolqien tat-trasparenza dwar is-sitwazzjoni globali tal-mard tal-annimali matul is-seklu li għadda.
2. JIRRIKONOXXI l-impenn sod tal-WOAH għas-saħħa globali tal-annimali u JFAKKAR li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jżommu l-impenn fit-tul tagħhom li jappoġġaw il-missjoni tal-WOAH.

¹ Nota mis-Segretarjat dwar ir-Relazzjoni mal-Codex, l-IPPC u l-OIE, id-WTO, il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, G/SPS/GEN/775, Mejju 2007; Proċeduri tal-Artikolu 5.3.1 tal-OIE rilevanti għall-ftehim dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-organizzazzjoni tal-kummerċ dinji, Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri, 10/08/22.

3. JIRRIKONOXXI l-għarfien espert li ilu stabbilit tal-WOAH dwar is-saħħa tal-annimali u ż-żoonożi żviluppat permezz tal-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni tagħha ta' data u informazzjoni xjentifiċi u l-ħidma sinifikanti tagħha biex tistabbilixxi standards internazzjonali, infurmati mix-xjenza.
4. JILQA' r-rwol ta' tmexxija li l-WOAH ħadet fi kwistjonijiet rilevanti oħra, bħall-benesseri tal-annimali u r-reżistenza għall-antimikrobiċi, billi integrathom fl-ambitu tal-ħidma tagħha matul dawn l-aħħar deċennji.
5. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-WOAH tindirizza wkoll f'waqthom l-isfidi globali emerġenti.
6. JAGĦRAF il-kontribut importanti tal-WOAH, flimkien mal-Kummissjoni Codex Alimentarius u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, bħala korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards imsemmija fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ internazzjonali sikur tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali.

Il-metodi ta' ħidma u l-approċċi tal-WOAH adatti għall-isfidi tal-lum u ta' għada

7. Fid-dawl ta' ċentinarju tal-WOAH, JILQA' l-inizjattiva li l-WOAH qed twettaq biex tirrifletti fuq il-ħidma futura tagħha u li tirrevedi t-Testi Bażiċi u l-governanza tagħha biex iżżid l-aġilità strateġika u l-istat ta' tħejjija tal-WOAH għal sfidi futuri, bil-ħolqien ta' grupp ta' ħidma li ser ikun iddedikat biex isegwi dawn l-inizjattivi.
8. JAGĦRAF li l-ħidma bbażata fuq ix-xjenza tal-WOAH għadha l-pilastru tal-kredibbiltà tal-organizzazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-pedament xjentifiku tal-ħidma tal-WOAH.
9. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA li l-istandards tal-WOAH għandhom ikomplu jkunu bbażati fuq l-aħħar għarfien xjentifiku u l-esperjenza eventwali fil-qasam biex jiġi żgurat it-twettiq tagħhom fil-prattika.

10. JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu u d-disseminazzjoni mill-WOAH ta' data uffiċjali, f'waqtha u preċiża dwar il-mard tal-annimali elenkat fil-Kodiċijiet u l-mard emerġenti tal-WOAH, f'konformità mal-istandards tal-WOAH adottati mill-Assemblea; u JISTIEDEN lill-WOAH biex tkompli żżid it-trasparenza tad-data użata, biex issaħħaħ il-proċess ta' feedback għad-data trażmessa u biex tiżgura li d-data tiġi pprovduta f'waqtha.
11. JIRRIKONOXXI l-impenn tal-WOAH li taħdem b'mod trasparenti u JENFASIZZA l-ħtieġa għal sforz kontinwu biex tissaħħaħ it-trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappurtar finanzjarju u baġitarju.
12. JINKORAĠĠIXXI dibattitu miftuħ dwar l-allokazzjoni ta' fondi mill-membri u minn sorsi oħra li jiżguraw governanza finanzjarja li tkun ibbażata fuq it-trasparenza, li tkun sostenibbli u ġusta għall-membri u li tippermetti lill-membri kollha jikkontribwixxu b'mod effettiv u ekwu filwaqt li jissalvagwardjaw ukoll l-awtonomija finanzjarja u l-indipendenza tal-WOAH.
13. IFAKKAR fl-impenn attiv tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-ħidma tal-WOAH billi fost l-oħrajn jipprovdu għarfien espert għall-iżvilupp tal-istandards tal-WOAH, u l-impenn kontinwu tagħhom li jirrispettaw dawk l-istandards; f'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIXXI lill-membri kollha tal-WOAH biex jonoraw l-impenji tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istandards tal-WOAH.

Il-pożizzjonament internazzjonali tal-WOAH f'kuntast ta' Saħħa Waħda

14. IĦEĠĠEĠ lill-WOAH tkompli tistabbilixxi t-tmexxija tagħha fis-saħħa tal-annimali u l-governanza tal-mard zoonotiku fl-istadju internazzjonali, filwaqt li tikkapitalizza fuq l-għarfien espert xjentifiku u tekniku tagħha fis-saħħa tal-annimali, il-mard zoonotiku u r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

15. JAPPOĠĠA BIS-SĦIĦ l-impenn tal-WOAH fil-Memorandum ta' Qbil bejn l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, il-Programm tan-NU għall-Ambjent u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa rigward il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra r-riskji għas-saħħa, (il-MtQ Kwadripartitiku), peress li l-għarfien espert tal-WOAH iżid komponent indispensabbli għal din il-kollaborazzjoni Saħħa Waħda, itejjeb l-eżiti ta' din is-sħubija u jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet intersettorjali usa' dwar Saħħa Waħda; kif ukoll fil-Qafas Globali għall-kontroll progressiv tal-Mard Transkonfinali tal-Annimali (GF-TADs), l-inizjattiva konġunta tal-FAO u tal-WOAH biex jinkisbu għanijiet komuni maqbula fil-prevenzjoni, il-kxif u l-kontroll ta' mard transkonfinali tal-annimali ta' prijorità fil-livell reġjonali u globali, inkluż it-titjib ta' strateġiji ta' tilqim koerenti.
16. JIRRIKONOXXI li l-parteciġazzjoni tal-WOAH fil-kollaborazzjoni Kwadripartitika turi r-rwol soċjetali tagħha fil-livell globali u toħloq aktar sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni internazzjonali tas-saħħa tal-annimali, u b'hekk tagħmilha possibbli għall-WOAH li tqiegħed l-għarfien espert tagħha dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, inkluż iż-żoonożi, il-mard li ġej mill-ikel u r-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-kuntest wiesa', kumpless u olistiku tal-isfidi ta' Saħħa Waħda.

Kooperazzjoni strateġika fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet

17. Meta titqies il-kumplessità tal-kwistjonijiet tas-saħħa globali, JENFASIZZA li l-WOAH għandha trawwem u tkompli tapprofondixxi l-kollaborazzjoni interdixxiplinari tagħha ma' istituzzjonijiet xjentifiċi u sħab oħra, minbarra l-kanali eżistenti mad-Delegati u ċ-Ċentri ta' Referenza tal-WOAH, sabiex tikkondividi l-għarfien espert u timplimenta għarfien minn diversi dixxiplini li jistgħu jinkwadraw il-ħidma tal-WOAH b'mod aktar wiesa'.
18. JENFASIZZA li l-WOAH għandha tistinka biex tissensibilizza u żżid l-għarfien speċjalment dwar is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u l-mard zoonotiku globalment billi tkompli tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fil-ħidma tal-organizzazzjoni u billi teduka lill-pubbliku ġenerali dwar il-ħidma u s-saħħa tal-annimali tal-WOAH b'mod aktar ġenerali.

19. IHEĠĠĠĠ lill-WOAH tkompli tappoġġa u tiggwida s-servizzi veterinarji nazzjonali, fost l-oħrajn, permezz tal-Perkors tal-Prestazzjoni tas-Servizzi Veterinarji (PVS); b'dan il-mod, is-servizzi veterinarji nazzjonali u l-WOAH jistgħu jaħdmu b'mod konġunt biex itejbu l-għarfien dwar is-saħħa tal-annimali, il-mard li ġej mill-ikel u l-benessri tal-annimali fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali.
20. JENFASIZZA li l-WOAH għandha tkompli tippromwovi l-utilità u l-valur tal-istandards u l-għodod tagħha, bħal pereżempju l-Osservatorju, u tispjega kif dawn għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali sabiex jittejjeb il-livell tal-implimentazzjoni tagħhom u l-involvement tal-membri kollha tal-WOAH fil-ħidma tagħha.
21. JAPPOĠĠA lill-WOAH biex tiegħu inizjattivi fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, il-kontroll u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa tal-annimali f'pajjiżi b'riżorsi limitati, peress li dan ser javvanza l-missjoni globali tal-WOAH u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ugwaljanza u solidarjetà akbar fis-sħubijiet bejn il-membri tal-WOAH.
22. JENFASIZZA l-hteġġa għal approċċ inklużiv ibbażat fuq il-fehim reċiproku skont il-qafas tal-WOAH, sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Membri kollha fil-ħidma tal-WOAH.
23. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA r-rwol ta' kollegament tal-kummissjonijiet reġjonali tal-WOAH u JIRRAKKOMANDA li jiġi ċċarat u msaħħaħ ir-rwol tagħhom sabiex jittieħed kont aħjar tal-ispeċifikitajiet reġjonali.
24. ITENNI li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom isostnu l-impatt tagħhom fuq il-politika internazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, filwaqt li jispjegaw u jippromwovu l-qafas legali tagħhom fir-rigward tas-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u l-mard zoonotiku bħala mod kif ikomplu jistinkaw għal standards internazzjonali aktar b'saħħithom u biex jikkontribwixxu b'mod pożittiv għal progress ulterjuri li sar dwar dawn is-suġġetti fil-livell internazzjonali.

25. JAPPREZZA l-involvement tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-ħidma ambizzjuża tal-WOAH dwar il-futur tagħha u JINKORAĠĠIXXI lill-Uffiċjali kapijiet veterinarji u lid-delegati nazzjonali tal-Istati Membri, u lill-Kummissjoni Ewropea biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-WOAH dwar il-futur tal-WOAH bil-għan li tiġi assicurata l-abbiltà tal-organizzazzjoni li twettaq il-mandat tagħha b'mod effiċjenti, effettiv u sostenibbli anki fil-futur.
-